OMBUDSMAN

MALTA

**Każijiet Nru CEDUC-22-2985 u CEDUC-24-4612**

6 ta' Mejju 2025

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta
VLT 1111

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman, għandna l-pjaċir naġġornawk bl-aħħar żviluppi fiż-żewġ każijiet hawn aktar 'l fuq imsemmija, sabiex dan l-iżvilupp jinġieb għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra kif ukoll biex jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

L-Opinjonijiet Finali kif ukoll ir-rapporti relattivi kienu tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra hekk:

CEDUC-22-2985 fis-Seduta Nru 145 tal-10 ta' Lulju 2023
CEDUC-24-4612 fis-Seduta Nru 265 tal-21 ta'Ottubru 2024

Fit-23 ta' April ta' din is-sena, is-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru informa lill-Uffiċċju tagħna li, wara proċess ta' konsultazzjoni u verifika estensiv, iż-żewġ persuni li kienu għamlu l-ilment fiż-żewġ każijiet hawn aktar 'l fuq indikati, kienu ser jieħdu l-'allowance' in kontestazzjoni mid-data li fiha kienu intitolati għaliha minħabba 'aspettattiva leġittima', u ċioè retroattivament, kif kien ġie rakkomandat minn dan l-Uffiċċju. Jiġi preċiżat li għalkemm l-ittra tas-Segretarju Permanenti Ewlieni tat-23 ta' April 2025 tirreferi biss għall-każ CEDUC-24-4612, in segwitu għal korrispondenza mad-Direttorat tal-Azzjoni dwar Governanza fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ġie stabbilit li l-istess riżoluzzjoni tal-vertanza tapplika ugwalment għall-persuna li illmentat fil-każ nru CEDUC-22-2985.

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt

OMBUDSMAN

MALTA

Qed nannettu l-ittra tas-Segretarju Permanenti Ewlieni tat-23 ta' April 2025.

Insellu għalik

Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Vincent A De Gaetano
Kummissarju għall-Edukazzjoni

Dokument anness: Ittra tas Segretarju Permanenti Ewlieni tat-23 ta' April 2025